**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET**

**LAQGĦA NRU 7**

**It-Tlieta, 2 ta' Lulju 2024**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fis-2.34p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Katya de Giovanni.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 6 li saret fis-6 ta' Marzu 2024, ġew ikkonfermati.

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. Chris Agius, ippreżenta għall-informazzjoni tal-Kumitat:

Dok. 18 Lista' Petizzjonijiet imwieġba u pendenti li kienu fuq l-Aġenda

Petizzjoni Nru 10 - Government Land – Site at Tal-Qortin, between Triq is-Sagħtar and Triq il-Miġbha Mellieħa; Il-Kumitat insista li tinġibed l-attenzjoni li din il-petizzjoni ilha aktar minn sena li ġiet sottomessa. Il-Kumitat qabel ukoll li għandhom jibdew jitpoġġew target dates sa meta titwieġeb il-kumitat qabel ma l-Kumitat jieħu passi oltre permezz tal-Ispeaker. Fil-frantemp tintbagħat tfakkira lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali.

Petizzjoni Nru 12 - Protecting Interests, Rights And Privileges Of Minority Groups; Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mingħand il-Ministeru u għaldaqstant intalab biex tintbagħat reminder oħra lis-Segretarju Permanenti, kif ukoll ifakkar li din ilha aktar minn sena.

Petizzjoni Nru 13 - Revision of the legality of heated tobacco products; Il-Kumitat qabel li tintbagħat tfakkira lill-Minsitru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Petizzjoni Nru 15 – Erġgħu Iftħu l-Iskola Primarja fl-Imtarfa: Il-President tal-Kumitat qara t-tweġiba riċenti li l-Kumitat irċieva. L-Onor. Charles Azzopardi stqarr li kienet ħasra li fl-Imtarfa mhux se jkun hemm skola primarja. L-Onor. Ivan Castillo staqsa jekk il-Kumitat għandux jistaqsi għar-raġuni għala ma nstabx post ieħor fl-Imtarfa (mhux bilfors l-istess binja) u dan sabiex il-Kumitat ikun jista' jagħti risposta kompleta lil min għamel il-petizzjoni. Il-Kumitat qabel ma din il-proposta li tintbagħat talba għar-raġuni għala ma nfetħitx skola oħra, jekk hemmx il-ħsieb li tinfetaħ u jekk le, jagħti r-raġuni għal dan.

Petizzjoni Nru 18: Garaxxijiet fi driveways komuni privati ma għandhomx jiġu ostakolati, il-pulizija għandha tinforza: il-Kumitat qabel li għandha titbagħat tfakkira oħra lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol.

Petizzjoni Nru 19: Polza tal-Assigurazzjoni favur terzi qabel ma jinbeda xogħol ta' kostruzzjoni qrib ġirien – Il-President tal-Kumitat qara ż-żewġ rimarki li għaddew il-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma fis-Settur tal-Kostruzzjoni kif ukoll mis-Sur Glenn Micallef f'isem is-Sotto-Kumitat dwar l-Implimentazzjoni tar-Rakkomdazzjonijiet tal-Inkjesta Pubblika ta' Jean Paul Sofia. Il-Kumitat qabel li t-tweġibiet jintbagħtu lil min għamel il-petizzjoni u din il-petizzjoni titqies bħala eżawrita.

Petizzjoni Nru 22: Birkirkara, Oġġezzjoni għall-Applikazzjoni tal-Lukanda tħares fuq il-Bażilika – Il-President qara t-tweġiba ġdida li ntbagħtet. L-Onor. Ivan Castillo staqsa jekk hux qed jittieħed in konsiderazzjoni li dan il-post huwa Heritage Site. Staqsa jekk dan l-iżvilupp hux se jkun taħt Heritage Site jew Local Plan. L-Onor. Katya de Giovanni stqarret li l-petizzjonant jista' jattendi wkoll laqgħat tal-Kunsilli Lokali u jgħaddu l-opinjoni u l-ilmenti tiegħu. Il-Kumitat qabel li l-Ministeru għandu jgħaddi rimarki dwar dak li ġie mitlub.

Petizzjoni Nru 23: Oġġezzjoni għal PC 13/23 Manikata minn żona ta' żvilupp ta' Villel għal Żona Residenzjali – Il-kumitat qabel li għandha tintbagħat tfakkira lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar biex jgħaddi r-rimarki tiegħu issa li għadda żmien msemmi fit-tweġiba ta' qabel.

Petizzjoni Nru 24: Biex tiġi rregolata l-liġi rigward is-settur ta' Groomers, Pet Sitters, Dog Walkers u Trainers. Il-President tal-Kumitat qara t-tweġiba u qabel li din it-tweġiba tgħaddi lill-petizzjonant u titqies bħala eżawrita.

Petizzjoni Nru 25: Infruzaw permessi regolatorji lil Bitmac LTD rigward emissjonijiet tossiċi: Il-President tal-Kumitat qara t-tweġiba l-ġdida li rċieva. L-Onor. Ivan Castillo staqsa jekk il-proposti li kien hemm imsemmija li se jsiru żvilupp fuqhom, humiex se jsriu policies. Il-Kumitat qabel li din il-mistoqsija tgħaddi lill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir għar-rimarki.

Petizzjoni Nru 26: Waqqaf il-Kostruzzjoni ta' Inċineratur ta' Skart Ġenerali u Mediku (Fabbrika tal-Kanċer) fil-Magħtab: Il-President tal-Kumitat qara t-tweġiba l-ġdida li rċieva. Il-Kumitat qabel li peress li dan il-każ qiegħed bħalissa quddiem il-Qorti, skont linja gwida

3.8 tal-Kumitat dwar il-petizzjonijiet li jgħid: *"Il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet għandu jissospendi t-trattazzjoni ta' petizzjoni jekk waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq tavverra ruħha wara l-aċċettazzjoni tal-petizzjoni."*

Petizzjoni Nru 27: Urgent Call – Safety Concerns at SGPC Paola Primary School: Il-Kumitat qabel li għandha toħroġ tfakkira oħra biex tingħata r-rimarka. L-Onor. Charles Azzopardi talab li għandha tingħata risposta fuq din minħabba sigurtà tat-tfal u għalliema.

Petizzjoni Nru 28: Cremation in Malta: Il-Kumitat qabel li għandha toħroġ tfakkira oħra biex tingħata r-rimarka.

Petizzjoni Nru 29: The Protection and Enforcement of Equal & Shared Parenting: L-Onor. Katya de Giovanni semmiet li hemm konsultazzjonijiet għaddejin fuq din il-materja. Il-Kumitat qabel li din il-petizzjoni għandha tgħaddi lill-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal.

Petizzjoni Nru 30: Misraħ iż-Żjara tal-Papa – Free illegali tables and Chairs: Il-Kumitat qabel li għandha toħroġ tfakkira liż-żewġ Ministeri in kwistjoni.

Petizzjoni Nru 31: The End of Private Property in Malta: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali sabiex tingħata rimarka fuqha.

Petizzjoni Nru 32: Halt Unnessecary Developement in Miżieb (Mellieħa) and reinstate ODZ Land: Il-Kumitat qabel li toħroġ tfakkira biex il-Ministeru jagħti r-rimarki tiegħu.

Petizzjoni Nru 33: Health and Safety Insurance for farmers near Fireworks Factories: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol sabiex tingħata rimarka fuqha.

Petizzjoni Nru 34: Transform Evans Building into a Comunity Service Hub: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali kif ukoll l-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva sabiex tingħata rimarka fuqha.

Petizzjoni Nru 35: Withdrawl of MCAST legal action against a student filming Physical Violence: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isports, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni kif ukoll l-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol sabiex tingħata rimarka fuqha.

Petizzjoni Nru 36: Public Health Clinic f'Ħal Balzan: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva sabiex tingħata rimarka fuqha.

Il-Petizzjonijiet 37, 38, 39 u 40 kienu għadhom ma għalqux sad-data li saret il-laqgħa tal-kumitat. Dawn għandhom jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss hekk kif ikunu għalqu għal firem.

Petizzjoni MP-3 – Onor. Justin Schembri – Ħal Lija – Kulleġġ Santa Tereża – LPG Storage Facility: Il-Kumitat qabel li issa għadha biżżejjed żmien u li għandha tintbagħat tfakkira lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

Petizzjoni MP-4 – Onor. Ivan Vassallo – Diskussjoni għal Traffic Management fi Triq Sir Temi Zammit, l-Imġarr: Il-President tal-Kumitat qara t-tweġiba li ta l-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi. L-Onor. Charles Azzopardi ssuġġerixxa li tintbagħat mistoqsija lill-Ministeru fejn titlob kemm kien hemm inċidenti bejn 2019 u 2021 kif ukoll kemm kien hemm inċidenti bejn 2021 u 2024. Il-Kumitat qabel li din għandha tintbagħat lill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi.

Petizzjoni MP-5 – Onor. Ivan Castillo – Titjieb l-Aċċessibilità u s-Sigurtà fil-Bajja tal-Belvedere f'San Pawl il-Baħar: L-Onor. Castillo ta informazzjoni fuq il-petizzjoni. Il-Kumitat qabel li din tintbagħat kemm lill-Ministeru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika kif ukoll lill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrasturttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi.

Qabel ma l-Kumitat aġġorna, beda jikkonsidra li tintbagħat ittra lill-Ispeaker b'rendikont ta' kemm kien hemm petizzjonijiet, kemm twieġbu minnhom u kemm hemm li mhumiex imwieġba u kemm ilhom pendenti

Fl-3:40 p.m. il-Kumitat ġie aġġornat għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**